# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Ottubru 2019

**Rikors Numru : 85/2019JPG**

**Kawza Numru : 27**

**JS**

**Vs**

**MM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JS, datat 15 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (28/09/1996) (Ara Dok 'A' anness) u minn dan iz-zwieg kellhom wild, A, illi ghadu minorenni u llum ghandu sbatax-il sena (17);*

*Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dotor Timothy Ellis datat hamsa ta' Marzu elfejn u hmistax (05/03/2015) (Ara Dok 'B' anness), pero jinghad illi l-partijiet ilhom de facto sseparati sa minn Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) (Ara Dok 'C' anness);*

*Illin skont dak regolat fil-kuntratt (Ara Dok 'B' klawsolsa 4A) m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti favur l-wild tal-partijiet f'dan l-istadju;*

*Illi l-partijiet iddekadew minn kull dritt ta' manteniment minghand xulxin (Ara*

*Dok 'B' klawsola numru 3), u ghaldaqstant lanqas m'hemm arretrati f'dan l-istadju f'dan ir-rigward;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba' (4) snin mifrudin de facto, illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg) bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Regsitru pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-registru pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MM, datata 14 ta' Marzu 2019, a fol 12, li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti jikkonferma l-fatti kif esposti mir-rikorrenti fir-rikors taghha;*

2. *Illi l-esponent jirrileva umilment li m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti favur l-wild tal-partijiet f'dan l-istadju u huwa dejjem hallas il-manteniment meta kien jehtieg;*

3. *Illi jirrileva wkoll li ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni;*

4. *Illi l-esponenti ma ghandu l-ebda oggezzjoni li tigi pronunzjata d-divorzju bejnu u martu r-rikorrenti;*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif premessi skont il-ligi, u bl-ispejjez.*

Rat in-nota ta' JS, a fol 9 permezz ta' liema, talbet biex tirriverti ghal kunjom xbubitha cioe' Schiavone;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**JS** xehdet a fol 15 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Settembru 1996 u kienu ottjenew separazzjoni personali fil-5 ta' Marzu 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ghalkemm kienu ilhom isseparati *de facto* sa minn Dicembru 2014. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom wild wiehed. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Ir-rikorrenti xehdet li xtaqet tirriverti lura ghal kunjom xbubitha cioe' Schiavone.

**MM** xehed a fol 19 *et seqq* u kkonferma u kkorobora x-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

> *(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*
>
> *(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*
>
> *(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*
>
> *Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' Settembru 1996, (Vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom wild wiehed;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Timothy Ellis, datat 25 ta' Marzu 2015 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) ghalkemm kienu ilhom isseparati *de facto* sa minn Dicembru 2014;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi gie pruvat li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti rnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum,**

**javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u tawtorizza lil JS sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe S u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**